# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Novembru, 2024.**

**Numru 3**

**Rikors numru 57/11/2 JCV**

**Domenic Camilleri; Ronnie Camilleri; Noel Camilleri u dan fil - kwalità tagħhom ta' eredi tal-mejjet missierhom Joseph Camilleri; Anthony Camilleri u Theresa mart John Xuereb**

**v.**

**Carmelo u Lucia konjuġi Vella u b'digriet tat-tlieta (3) ta' Awwissu elfejn u ħdax (2011) Dottor Kevin Mompalao ġie nominat kuratur deputat biex jirrappreżenta l-wirt battal ta' Carmelo u Carmela konjuġi Camilleri**

**Il-Qorti**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-atturi minn sentenza

ta' nhar l-10 ta' Lulju 2018 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali. L-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-konjuġi Vella li Lucia Vella mhijiex l-eredi universali ta' Carmelo u Carmela konjuġi Camilleri u fost eċċezzjonijiet u talbiet oħra llikwidat il-leġittima ossija s-sehem riservat dovut lill-atturi.

**Daħla**

2. L-atturi talbu li jirċievu s-sehem riservat mill-wirt tal-ġenituri jew nanniet tagħhom, il-mejta Carmelo u Carmela konjuġi Camilleri, wara li huma rrinunzjaw għall-wirt tagħhom. L-atturi Anthony Camilleri u Theresa mart John Xuereb huma wlied il-konjuġi Camilleri. Domenic Camilleri, Ronnie Camilleri u Noel Camilleri huma n-neputijiet tal-konjuġi Camilleri, u wlied il-mejjet Joseph Camilleri (iben il-konjuġi Camilleri li miet qabel il-ġenituri tiegħu). Huma rrinunzjaw għall-wirt tal-konjuġi Carmelo u Carmela Camilleri nhar il-5 ta' April 2011 b'noti fil-Qorti tal-Maġistrati Għawdex (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja)[1] u żammew id-drittijiet tagħhom għal-leġittima. Il-konjuġi Camilleri kellhom ukoll tifla oħra li mietet qabilhom mingħajr dixxendenti.

3. Il-konvenuta Lucia Vella, hija wkoll bint Carmelo u Carmela konjuġi

[1] *Fol. 39 sa 33*

Camilleri u rrinunzjat ukoll għall-wirt tal-ġenituri tagħha, liema rinunzja hija kkontestata mill-atturi. Hi rriservat id-dritt kemm għall-prelegat assenjat lilha, u ċjoè fond 58, Triq Għajn Melel, Żebbuġ, (Għawdex), u kemm għas-sehem riservat. Hi rrinunzjat għall-wirt tal-ġenituri tagħha nhar is-26 ta' April 2011 fil-Qorti tal-Maġistrati Għawdex (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja)[2].

4. Carmela Camilleri mietet nhar l-24 ta' Lulju 2007[3], filwaqt li Carmelo Camilleri miet nhar it-30 ta' Mejju 2010[4]. Il-konjuġi Camilleri għamlu testment *unica charta* nhar l-4 ta' Marzu 1977, fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi[56].

5. L-atturi jattakkaw l-għotja tal-prelegat mħolli lill-Lucia Vella bil-kondizzjoni li hi trendi serviġi lill-ġenituri tagħha. Lucia Vella ssostni li rendiet serviġi għal tletin sena filwaqt li l-atturi jisħqu li l-valur tal-prelegat huwa bil-ferm ogħla mis-serviġi attwalment reżi minn Lucia Vella u dan għaliex jgħidu li hi rendiet serviġi għal bejn l-aħħar għaxar sa tlettax-il sena ta' ħajjet it-testaturi u dan peress li jgħidu li qabel dak il-perjodu l-istess testaturi ma kellhomx bżonn għajnuna kontinwa. Permezz tax-xhieda tagħhom, il-konjuġi Vella u t-tfal tagħhom jiddikjaraw li ngħatat għajnuna lill-ġenituri ta' Lucia Vella għall-tliet deċenji sħaħ u li Lucia Vella

[2] *Fol. 36*
[3] *Fol. 6*
[4] *Fol. 19*
[5] *Fol. 8*
[6] *Fol. 11 et. seq.*

kienet tmur tgħin lill-ġenituri tagħha kuljum sakemm dawn marru jgħixu magħha fil-fond 58, Triq Għajn Melel, Żebbuġ (Għawdex) wara li l-konjuġi Camilleri ma baqgħux ta' waħidhom. Huma damu jgħixu hemm bejn ħdax u erbatax-il sena ma binthom Lucia Vella. Lejn l-aħħar snin omm Lucia Vella kienet *bedridden oltre* li kienet tilfet id-dawl ta' għajnejha, rigressjoni li kienet ilha li bdiet. Il-konjuġi Vella marru jirrisjedu ġewwa 58 Triq Għajn Melel, Żebbuġ, (Għawdex) u kien ilhom jagħmlu dan sa minn meta żżewġu. Huma wettqu xogħlijiet fuq il-fond sabiex ikunu jistgħu jgħixu fih.

6. L-atturi talbu wkoll li jiġu ddikjarati bħala simulati żewġ kuntratti li saru bejn Lucia u żewġha Carmelo Vella u l-mejta Carmelo u Carmela konjuġi Camilleri, ta' bejgħ ta' porzjon art lura fl-1979[7] u ta' dar fl-1988[8]; u dan peress li l-atturi jallegaw li l-kuntratti ta' bejgħ kienu simulati u li fil-fatt dak li seħħ kien li ngħatat donazzjoni mill-konjuġi Camilleri a favur binthom Lucia u żewġha Carmelo Vella, liema donazzjoni hija allegatament evidenti mill-prezz ta' bejgħ tal-immobbli.

7. L-atturi, permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat nhar it-12 ta' Lulju 2011, talbu lill-Ewwel Qorti :

> *"1. Tiddikjara simulati u ghalhekk ammontanti ghal donazzjonijiet 'il fuq imsemmija kuntratti u cioe' z-zewg kuntratti ta' bejgh – wiehed tal-hdax (11) t'Ottubru 1979 (atti Nutar Emanuel George Cefai) (Dok I) li in forza tieghu l-konjugi Camilleri bieghu bil-prezz ta' elf u hamsin lira Maltin (Lm1,050) il-bicca raba msejha "Ta' Ghajn Melel", fil-kuntrada*

[7] *Fol. 25* u 26
[8] *Fol. 27 et seq.*

*ta' Ghajn Melel, fil-limiti taz-Zebbug, Ghawdex tal-kejl ta' cirka mija u sittax-il metru kwadru (116m2) u tmiss lvant ma' beni ta' Michelangelo Cassar, nofsinhar ma' beni tal-eredi ta' Emmanuele Cini, punent mat-triq, u l-iehor tad-29 t'April 1988 (Atti Nutar Michael Refalo) (Dok M) u li in forza tieghu l-konjugi Camilleri bieghu u ttrasferixxew id-dar fiz-Zebbug, Ghawdex, fi Triq Skapuccina numru wiehed u tletin (31) bil-bibien ohra bin-numri 32, 33, 34 bil-prezz ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) kif ukoll il-legat remuneratorju tal-lok tad-djar li qieghed fl-imsemmi Zebbug, fi Triq Ghajn Melel bin-numru tmienja u hamsin (58) u bieb iehor minghajr numru u kollox imiss tramuntana ma' beni ta' Guzepp Camilleri, punent Triq Ghajn Melel u lvant ma' beni ta' Victor Carnemolla.*

*2. Tillikwida l-assi ereditarji tad-decujus Carmelo u Carmela konjugi Camilleri billi tiddikjarahom li jikkonsistu f'dawk il-beni kollha li jirrizultaw lilhom spettanti fid-data tal-mewt taghhom, kif ukoll f'dawk il-konferimenti ta' dawk il-kuntratti ta' bejgh li jammontaw ghal donazzjonijiet simulati maghmula mid-decujus Carmelo u Carmela Camilleri lill-istess binthom Lucia Vella u lil zewgha Carmelo Vella msemmija hawn fuq (Dok L u M) kif ukoll tal-legat remuneratorju tal-lok tad-djar li qieghed fl-imsemmi Zebbug, fi Triq Ghajn Melel imholli bis-sahha tat-testment unica charta tal-4 ta' Marzu 1977 (Dok D)*

*3. Tillikwida l-legittima ossija l-porzjoni riservata dovuta lill-atturi mill-wirt ta' 'l fuq imsemmija genituri taghhom Carmelo u Carmela Camilleri fit-termini tal-ligi.*

*4. Tikkundanna lill-konvenuti u/jew kuraturi fl-eredità gjacenti jassenjaw lill-attur l-legittima ossija l-porzjoni riservata hekk likwidata a favur taghhom.*

*5. Tikkundanna lill-konvenuti u/jew kuraturi tal-eredità gjacenti jidhru fuq l-att relattiv ghal-likwidazzjoni u assenjazzjoni ta' 'l fuq imsemmija legittima ossija porzjoni riservata.*

*6. Tiffissa gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv u tinnomina Nutar pubbliku ghall-istess fini u kuraturi deputati biex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att.*

*Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni."*

8. Illi dawn it-talbiet ressquhom abbażi tas-segwenti premessi:

*"1. Illi fl-24 ta' Lulju 2007 mietet Carmela Camilleri nee' Attard mart Carmelo Camilleri bint Guzeppi Attard u Maria nee' Stellini (Dok A) b'testment unica charta tal-4 ta' Marzu 1977 (Dok B, C, D) u kienet sopravissuta ghalhekk minn Carmelo Camilleri, ir-ragel taghha u tliet ulieda u cioe' Anthony, Theresa mart John Xuereb u Lucia mart*

*Carmelo Vella filwaqt li wliedha, Joseph Camilleri u Maria Attard kienu diga' mejta;*

*2. Illi fil-fatt bintha l-ohra Maria Attard kienet diga' mietet fit-12 ta' Dicembru 1994 (Dok E) bla wlied u dixxendenti ohra waqt li binha, Joseph Camilleri miet fis-6 ta' Settembru 2004 (Dok F, G u H) intestat u halla warajh lit-tliet uliedu, Dominic, Ronnie u Noel ahwa Camilleri;*

*3. Illi fit-30 ta' Mejju 2010 miet Carmelo Camilleri (Dok I) bit-testment unica charta tal-4 ta' Marzu 1977 (Dok J,K) u halla werrieta lill-erba' uliedu u cioe' Joseph, Anthony, Theresa mart John Xuereb u Lucia mart Carmelo Vella;*

*4. Illi l-atturi ddecidew li ma jaccettawx 'il fuq imsemmija ereditajiet u minflok talbu l-porzjoni riserva ossija l-legittima skont il-ligi.*

*5. Illi matul hajjithom il-konjugi Carmelo u Carmela konjugi Camilleri ghamlu zewg kuntratti ta' bejgh – lil binthom Lucia Vella u lil zewgha Carmelo Vella – wiehed tal-11 ta' Ottubru 1979 (atti Nutar Emanuel George Cefai) (Dok L) u li in forza tieghu l-konjugi Camilleri bieghu bil-prezz ta' elf u hamsin Lira Maltin (LM1,050) bicca raba msejha "Ta Ghajn Melel" fil-kuntrada "Ta Ghajn Melel" fil-limiti taz-Zebbug, Ghawdex tal-kejl ta' cirka mija u sittax-il metru kwadru (116m2) u tmiss lvant ma' beni ta' Michelangelo Cassar, nofsinhar ma' beni tal-eredi ta' Emmanuele Cini, punent mat-triq, u l-iehor tad-29 t'April 1988 (Atti Nutar Michael Refalo) (Dok M) u li in forza tieghu l-konjugi Camilleri bieghu u ttraferixxew id-dar fiz-Zebbug Ghawdex, fi Triq Skapuccina numru wiehed u tletin (31) bil-prezz ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) liema fond fil-fatt huwa senjat bin-numri 31, 32, 33 u 34, Triq Skapuccina, Zebbug, Ghawdex.*

*6. Illi dawn il-kuntratti ta' bejgh jammontaw ghal donazzjonijiet simulati maghmula mid-decujus Carmelo u Carmela Camilleri lill-istess binthom Lucia Vella u lil zewgha Carmelo Vella billi huma maghmula bi prezz li bl-ebda mod ma jirrifletti r-realtà' kummercjali u b'valuri rizorji u b'hekk jidher evidenti l-animu tad-decujus li javvantaggjaw lil binthom Lucija Vella u lil zewgha Carmelo Vella a skapitu u dannu tal-legittima, illum porzjoni riservata, spettanti lill-atturi.*

*7. Illi oltre minn dan fit-testment tal-4 ta' Marzu 1977 (Dok D), atti Nutar Guzeppi Caughi, l-unika proprjeta' li kienu fadlilhom il-konjugi Camilleri giet ukoll bit-Tielet Artikolu prelegata lill-istess Lucia Vella b'titolu ta' legat remuneratorju liema mmobbli tikkonsisti fil-lok ta' djar li qieghed fl-imsemmi Zebbug, fi Triq Ghajn Melel bin-numru tmienja u hamsin (58), u bieb iehor minghajr numru u kollox imiss tramuntana ma' beni ta' Guzepp Camilleri, punent Triq Ghajn Melel u lvant ma' beni ta' Victor Carnemolla. Illi dan il-prelegat remuneratorju thalla wkoll sabiex jigu zvantaggjati l-atturi wkoll ghad-dannu tal-legittma, illum porzjoni rizervata, spettanti lill-atturi.*

*8. Illi ghalhekk prattikament fl-eredità tal-istess konjugi Carmelo u Carmela Camilleri ma baqa' l-ebda mmobbli jew oggett ta' valur sostanzjali.*"

9. Illi ġie appuntat kuratur sabiex jirrappreżenta l-wirt battal ta' Carmelo u Carmela konjuġi Camilleri wara li saret talba mill-atturi[9]. Tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet mill-istess kuratur:

*"1. Illi l-esponenti ma huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghalhekk filwaqt li ghal kull buon fini qed jopponi t-talbiet attrici qed jirrimetti ruhu ghall-provi li ser jigu prodotti, salv li jirrispondi ulterjorment wara li jkollu aktar informazzjoni fuq il-kaz odjern.*

*2. Illi dan kollu l-esponenti jixtieq f'dan l-istadju jinnota s-segwenti:-*

*2.1. Illi jrid jigi pruvat mill-atturi li dawn ma ghamlu l-ebda atti d'erede.*

*2.2. Illi l-prezzijiet tal-bejgh li l-atturi qed jghidu li huma simulati, jidhru prezzijiet gusti u reali, ghall-epoka li fiha saru t-tranzazzjonijiet.*

*2.3. Illi fir-rigward tal-kuntratt tal-1 ta' Ottubru 1979 hija applikabbli l-preskrizzjoni estintiva ai termini ta' l-artikolu 2143 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*2.4. Illi minghajr pregudizzju ghal dan kwalsijasi simulazzjoni trid tigi pruvata bil-mod rigoruz u strett li titlob il-ligi, fejn il-bwona feda hija dejjem prezunta.*

*2.5. Illi fir-rigward tal-legat remuneratorju l-atturi jridu jippruvaw illi l-legatarji mhux veru rrendew servigi.*

*3. Illi din ir-risposta qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament mill-esponenti kuratur deputat; li jinsab fi grad li jikkonferma bil-*

[9] *Fol.34 u 35*

*gurament tieghu unikament dak fuq rispost."*

10. Il-konvenuti Lucia u Carmelo konjuġi Vella ressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

*"1. Illi l-fatti esposti fil-paragrafi 1 sa 5 tal-premessi tar-rikors guramentat m'humiex ikkontesatati.*

*2. Illi t-talbiet huma mproponibbli kontra l-eccipjenti billi dawn, ghalkemm zammew ferm il-jedd taghhom ghal-legat rimuneratorju favurihom irrinunzjaw ghall-wirt (ex. Art. 862(2) Kod. Civ.) u ghalhekk jitqiesu bhalikieku ma kienu qatt werrieta (vide Art. 862(1) ibid.).*

*3. Illi l-kontenut ta' paragrafu 6 tal-premessi tar-rikors promotur jikkonsisti f'allegazzjonijiet inveritjeri ghall-ahhar in kwantu mhux minnu li l-prezz ma jirriflettix il-valur kummercjali taz-zmien li fih saru l-kuntratti ta' bejgh u ghalhekk wisq inqas huwa minnu li l-istess kuntratti jammontaw ghal donazzjonijiet simulati.*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fl-ahjar ipotesi ghall-atturi l-kuntratt de quo agitur jistghu jitqiesu mhux bhala donazzjonijiet simulati izda bhala kuntratt essenzjalment oneruz imsejjah negotium mixtum cum donatione.*

*5. Illi l-prelegat imsemmi f'paragrafu 7 tal-premessi tar-rikors guramentat huwa tabilhaqq rimuneratorju u misthoqq, billi l-konvenuta Lucia Vella rrendiet kuri, servigi u assistenzi ferm estensivi u li kienu jirrikjedu sagrificcji kbar ghaliha u ghall-familja taghha lill-genituri taghha ghal snin twal. Ghalhekk jifforma debitu tal-assi ereditarju tad-defunti konjugi Vella u kwindi m'ghandux jigi mdahhal bhala attiv fil-massa ereditarja ghall-fini ta' kalkolu tal-legittima.*

*6. Illi t-tieni talba hija guridikament insostenibbli, billi ghall-iskop tal-komputazzjoni tal-legittima, tonqos li titlob li jiddahhal fil-massa ereditarja dak kollu li t-testaturi ddisponew matul hajjithom b'titolu gratuwitu lill-atturi anke b'kontemplazzjoni ta' zwieg (Art.620(1) Kod.Civ.) kif ukoll tonqos milli titlob li jinqata' mis-sehem riservat dak kollu li l-atturi hadu minghand it-testaturi u li huwa suggett ghall-kollazzjoni (Art.620(4) ibid.).*

*7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-assi ereditarji hemm bizzejjed assi mnejn jista' jithallas is-sehem rizervat pretiz mill-atturi."*

11. Inħatar perit tekniku sabiex jiġu vvalutati ż-żewġ immobbli

mibjugħa mill-konjuġi Camilleri lill-konjuġi Vella, u ċjoè biċċa raba' msejħa "Ta' Għajn Melel" fil-kuntrada "Ta Għajn Melel" fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u dar fiż-Żebbuġ Għawdex, fi Triq Skapuċċina numru wieħed u tletin (31)[10]. L-inkarigu tal-perit ġie wkoll estiż sabiex issir il-valutazzjoni tal-fond 58 Triq Għajn Melel, Żebbuġ (Għawdex)[11]. Ġew maħtura wkoll periti perizjuri[12].

12. Ġie preżentat inventarju mill-konvenuti ta' mobbli u immobbli li jagħmlu parti mill-patrimonju tal-konjuġi Camilleri[13]. Dan skont verbal tal-Ewwel Qorti u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet tagħhom[14]. Dan l-inventarju jindika flejjes miżmuma ġo kontijiet tal-bank, għamara miżmuma ġewwa fond 31 Triq Skappuċina Żebbuġ u referenza għall-porzjoni minn artijiet oħra.

13. Il-mobbli u ċjoè sett tas-sodda, mejda tal-ikel, vetrina bil-fajjenza, mejda żgħira, arloġġ antik tal-*grandfather*, salott tar-Rexine, u tavolina ingħatalhom il-valur ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350)[15].

14. Illi l-Ewwel Qorti waslet għas-segwenti deċide:

> "*1. Tilqa' t-tieni, r-raba' u l-hames eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Vella filwaqt li tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet f'dawk il-partijiet li mhux kompatibbli ma' dak hawn deciz;*

---

[10] *Fol.55 u 56*
[11] *Fol. 66 u 67*
[12] *Fol. 92 u 93*
[13] *Fol. 127*
[14] *Fol.113 u 114*
[15] *Fol.150*

*2. Tiddikjara l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif imqajjma minn Dr. Kevin Mompalao fil-vesti tieghu ta' kuratur sabiex jirraprezenta lill- eredità ta' Carmelo u Carmela konjugi Camilleri bhala sorvolata stante r-rinunzja tal-atturi fuq il-proprjeta' partikolari;*

*3. Tichad il-bqija tal-ecczzjonijiet ta' Dr. Kevin Mompalao fil-vesti tieghu ta' kuratur sabiex jirraprezenta lill-eredità ta' Carmelo u Carmela konjugi Camilleri unikament f'dawk il-partijiet li mhux kompatibbli ma' dak hawn deciz;*

*4. Tichad l-ewwel talba attrici fir-rigward tal-kuntratt datat 11 ta' Ottubru, 1979 stante li get rinunzjata mill-istess atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom;*

*5. Tichad l-ewwel talba attrici fir-rigward tal-legat remuneratorju tal-lok tad-djar bl-indirizz 58, Triq Ghajn Melel, Zebbug stante li mhux gjustifikata;*

*6. Tilqa' l-ewwel talba attrici limitatament fir-rigward tal-kuntratt datat 29 ta' April, 1988 relatat mal-bejgh tal-fond fbl-indirizz 31, 32, 33, u 34 Triq Skapuccina, Zebbug, Ghawdex u tiddikjara li dan il-kuntratt kien negotium mixtum cum donatione b'dana li l-valur ta' €58,352 ghandu jizdied mal-eredità tal-konjugi Camilleri;*

*7. Tilqa' in parte t-tieni talba attrici u tillikwida l-assi ereditarji tal-mejta Carmelo u Carmela konjugi Camilleri f'li jikkonsistu fl-assi ndikati aktar 'il fuq f'din id-decizjoni taht it-titoli Assi ta' Carmela Camilleri u Assi ta' Carmelo Camilleri b'dana li t-total tal-assi ta' Carmela Camilleri qed jigi dikjarat li ghandhom il-valur ta' €35,123.10 filwaqt li l-assi ta' Carmelo Camilleri ghandhom valur ta' €210,469.88;*

*8. Tilqa' t-tielet talba attrici u tillikwida l-legittima ossija l-porzjoni riservata dovuta lill-atturi mill-wirt ta' l-imsemmija genituri taghhom Carmelo u Carmela Camilleri kif isegwi:*

> *(i) Wiehed minn tnax (1/12) tal-valur hawn fuq indikat fis-somma ta' €20,466 ghal Domenic, Ronnie u Noel Camilleri bejniethom fi kwoti ndaqs bejniethom;*
>
> *(ii) Wiehed minn tnax (1/12) tal-valur hawn fuq indikat fis-somma ta' €20,466 ghal Anthony Camilleri;*
>
> *(iii) Wiehed minn tnax (1/12) tal-valur hawn fuq indikat fis-somma ta' €20,466 lil Tereza Xuereb.*

*9. Tichad ir-raba' talba kif dedotta fil-konfront tal-konvenuti konjugi Vella izda tghaddi sabiex tilqa' r-raba' talba attrici kif dedotta fil-konfront tal-kuratur tal-eredità gjacenti u tikkundanna lill-Avukat Dr. Kevin Mompalao bhala kuratur tal-eredità gjacenti*

*sabiex jassenja lill-atturi l-legittima ossija l-porzjon riservata kif hekk likwidata fil-paragrafu 8 precedenti bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% mid-data tat-30 ta' Mejju, 2010 sad-data tal-pagamenti effettiv;*

*10. Tichad il-hames talba kif dedotta fil-konfront tal-konvenuti konjugi Vella izda tghaddi sabiex tilqa' l-hames talba attrici kif dedotta fil-konfront tal-kuratur tal-eredità gjacenti u tikkundanna lill-Avukat Dr. Kevin Mompalao bhala kuratur tal-eredità gjacenti sabiex jidher fuq l-att relattiv ghal-likwidazzjoni u assenjazzjoni ta' l-imsemmija legittima ossija porzjon riservata;*

*11. Tilqa' s-sitt talba attrici u tinnomina lin-Nutar Dr. Anna Maria Mizzi sabiex tiffissa hi gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv fi zmien mhux oltre minn sitt xhur mid-data ta' din id-decizjoni bin-nomina ta' Dr. Jonathan Mintoff sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att.*

*L-ispejjez kollha ta' din il-kawza, fic-cirkustanzi, ghandhom jigu sopportati mill-ereditajiet gjacenti.*"

15. L-atturi (minn issa 'l quddiem l-appellanti) ressqu dan l-appell nhar is-27 ta' Lulju 2018. Daħlet risposta waħda tal-kuratur tal-wirt battal ta' Carmelo u Carmela Camilleri nhar it-28 ta' Awwissu 2018.

16. L-appellanti sejsu l-appell tagħhom fuq erba' aggravji: li l-Ewwel Qorti kienet legalment żbaljata meta laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti Vella u ċjoè li l-istess konvenuti rrinunzjaw għall-wirt tal-konjuġi Camilleri u li l-porzjon riservat dovut lill-appellanti kellu jitħallas mill-konvenut kuratur tal-wirt battal u mhux mill-konvenuta Lucia Vella. Jisħqu illi l-Ewwel Qorti applikat ħażin l-Artikolu 869 tal-Kodiċi Ċivili u dan peress li Lucia Vella kienet fil-pussess ta' ħwejjeġ tal-wirt u ma setgħetx tirrinunzja għall-wirt erba' snin wara l-mewt ta' ommha, u sena wara l-

mewt ta' missierha u dan biex tevita tħallas hi s-sehem riservat**;** li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta sabet illi l-mobbli fil-fond 31, Triq Skapuċċina ż-Żebbuġ Għawdex, ġew trasferiti lill-konjuġi Vella mal-att tal-bejgħ tad-29 ta' April 1988 u dan għaliex l-Ewwel Qorti naqset milli tapplika l-Artikolu 1398 tal-Kodiċi Ċivili u waslet għall-konklużjoni li tmur bil-kontra ta' dak li jipprovdi l-istess artiklu u l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra li kienet il-konvenuta stess li ddikjarat li l-mobbli in kwistjoni kienu ħwejjeġ tal-wirt u dan skont nota *a. fol.* 127**;** li l-Ewwel Qorti kellha tinkludi l-valur tal-għamara fil-fond 31, Triq Skapuċċina, iż-Żebbuġ, Għawdex, fil-massa ereditarja tal-konjuġi Carmelo u Carmela Camilleri u b'hekk tieħu kont tal-valur tal-istess għamara meta ġie ffissat il-porzjon riservat dovut lill-appellanti; li l-Ewwel Qorti kellha tinkludi parti mill-valur tal-fond bin-numru 58, fi Triq Għajn Melel, Żebbuġ, (Għawdex) fl-assi ereditarji tat-testatriċi Carmela Camilleri u konsegwentement tieħdu in konsiderazzjoni għall-fini ta' kalkolazzjoni tal-leġittima fuq il-wirt ta' Carmela Camilleri billi l-valur tas-serviġi reżi mill-konvenuta kellhom jiġu ddikjarati li huma ta' valur anqas mill-valur ta' dan il-fond**.**

**Konsiderazzjonijiet Legali**

***L-Ewwel Aggravju u t-Tieni Aggravju***

17. In suċċint l-appellanti jilmentaw illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex tilqa'

t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti Vella, liema taqra:

> *"2. Illi t-talbiet huma mproponibbli kontra l-eccipjenti billi dawn, ghalkemm zammew ferm il-jedd taghhom ghal-legat rimuneratorju favurihom irrinunzjaw ghall-wirt (ex. Art. 862(2) Kod. Civ.) u ghalhekk jitqiesu bhalikieku ma kienu qatt werrieta (vide Art. 862(1) ibid.)."*

18. Jgħidu li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ordnat li s-sehem riservat dovut lill-appellanti kellhu jitħallas mill-wirt battal ta' Carmela u Carmelo konjuġi Camilleri minflok mingħand Lucia Vella bħala l-eredi universali. Jgħidu li l-Artikolu 869 tal-Kodiċi Ċivili[16] ġie applikat b'mod skorrett u dan billi l-konvenuta Lucia Vella kienet fil-pussess tal-fond tat-testaturi 58, Triq Għajn Melel, Żebbuġ (Għawdex) u b'hekk ma setgħetx tirrinunzja għall-wirt erba' snin wara l-mewt ta' ommha u sena wara l-mewt ta' missierha. Jisħqu li Lucia Vella kienet ukoll fil-pussess ta' għamara tat-testaturi Camilleri.

19. Fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "....*Illi dwar din l-ewwel eccezzjoni*[17] *tal-konvenuti Vella u cioe' li Lucia Vella rrinunzjat ghall-wirt u li tali rinunzja hija wahda valida din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-konvenuti Vella. Jirrizulta li l-fond li fih ilhom jghixu l-konvenuti ghall-perjodu oltre tletin sena u cioe' l-fond numru 58, Triq Ghajn Melel, Zebbug, Ghawdex thalla lil Lucia Vella*

[16] 869. B'dak kollu li jingħad fl-artikoli ta' qabel dan, l-imsejħin għall-wirt, illi jkollhom fil-fatt il-pusses tal-ħwejjeġ tal-wirt, jitilfu, wara tliet xhur mill-ftuħ tas-suċċessjoni jew minn dak in-nhar li jkunu saru jafu li l-wirt imiss lilhom, il-jedd tar-rinunzja għal dak il-wirt, kemm-il darba ma jkunux imxew skont id-dispożizzjonijiet dwar il-benefiċċju tal-inventarju; u, jitqiesu bħala werrieta mingħajr dan il-benefiċċju ukoll jekk kontra dan igħidu illi huma jippossjedu dawk il-ħwejjeġ taħt titolu ieħor.

[17] Din il-Qorti tifhem li dan kien żball tal-pinna stante li l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti konjuġi Vella taqra: *1. Illi l-fatti esposti fil-paragrafi 1 sa 5 tal-premessi tar-rikors guramentat m'humiex ikkontesatati.*

*bhala prelegat bhala hlas ghas-servizzi u assistenzi li hija kellha tippresta lilhom sad-data tal-mewt taghhom. Il-konvenuta rrinzunzjat ghall-wirt izda zammet ferm id-dritt ghal dan il-prelegat u ghaldaqstant il-fatt li hija baqghet tirrisjedi f'dan il-fond ma jistax jigi nterpretat bhala li hija accettat il-wirt. Dwar l-ghamara fil-fond numru 31 fi Triq Skapuccina, Zebbug, Ghawdex ma tressqet l-ebda prova li dawn il-mobbli ma gewx trasferiti lill-konvenuti flimkien mal-bejgh tal-immobbli tant illi l-kuntratt ma jsemmi xejn f'dan ir-rigward u nonostante li l-kuntratt ilu li sar mis-sena 1988 ma jirrizultax li d-decujus qatt ippretendew li jinhargu l-mobbli mill-istess fond ghaliex kien ghadhom proprjeta' taghhom! Dwar il-mistoqsijiet li saru in kontro-ezami lill-konvenuti jekk jahsbux li Lucia Vella ghadhiex werrieta tal-ġenituri taghha, il-Qorti wara li rat l-istess xhieda, ma tqisx li r-risposti taghhom jistghu jittiehdu bhala xi accettazzjoni cara jew att ta' eredi stante li deher car li l-konvenuti ma kienux qed jaghmlu distinzjoni bejn werrieta u wlied id-decujus fir-risposta taghhom. Finalment dwar l-ittra esebita a fol. 183 tal-process il-Qorti tinnota li din intbaghtet wara d-data tar-rinunzja tal-wirt mill-konvenuta u ntbaghtet mill-Avukat Dr. Grazio Mercieca bl-ghan li tingabar l-informazzjoni mill-bank ghall-kaz odjern. Fl-istess ittra jissemmew l-ahwa kollha u jinghad li huma lkoll eredi tal-konjugi Camilleri. Dan ma jfissirx li allura l-partijiet kollha odjerni li lkoll irrinunzjaw ghall-wirt ghandhom jitqiesu li accettaw il-wirt minhabba l-kliem uzat fl-ittra mhux minnhom izda minn rapprezentant legali.*

*Illi in vista ta' dak kollu suespost, il-Qorti tqis allura li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Vella hija gjustifikata."*

20. L-appellanti jisħqu li l-Ewwel Qorti waslet għal din il-konklużjoni abbażi ta' loġika li hija diffetuża u li turi li l-Ewwel Qorti injorat għal kollox il-kliem ċar tal-Artikolu 869 tal-Kodiċi Ċivili.

21. Jisħqu illi l-argument prinċipali tagħhom kien li r-rinunzja ta' Lucia Vella kienet tardiva peress li l-Artikolu 869 tal-Kodiċi Ċivili jimponi perjodu perentorju ta' tliet xhur mill-ftuħ tas-suċċessjoni sabiex issir ir-rinunzja minn persuni li huma fil-pussess tal-ħwejjeġ tal-wirt; filwaqt li l-argument *in subsidium* tagħhom huwa li Lucia Vella rrikonoxxiet espressament il-vesti tagħha ta' eredi ta' Carmelo u Carmela Camilleri.

22. Jargumentaw illi l-liġi tagħna dwar l-aċċettazzjoni u r-rinunzja tal-wirt tikkontempla żewġ modalitajiet ta' kif wieħed jista' jaċċetta wirt: jew b'mod espress jew b'mod taċitu billi dak imsejjaħ għall-wirt jagħmel att li jimplika l-intenzjoni li jaċċetta l-wirt. Il-liġi tagħna tikkontempla wkoll li wirt jista' jiġi aċċettat *ope legis* senjatament kif jipprovdi l-Artikolu 869 tal-Kodiċi Ċivili. L-appellati jkomplu billi jikkomparaw l-Artikolu 869 tal-Kodiċi Ċivili ma' dak provdut minn kodiċi ċivili oħra kontinentali. Jisħqu li kull kodiċi għandha l-kriterji differenti tagħha sabiex jiġi determinat meta ser jibda jiddekorri ż-żmien minn meta tista' ssir ir-rinunzja, madankollu r-*ratio* jibqa' li jiġi mqassar iż-żmien mogħti lill-imsejjaħ għall-wirt sabiex juri l-interess tiegħu u dan anke fl-interess ta' kredituri li jressqu azzjoni kontra l-eredità nkluż leġittimarji.

23. Fil-każ odjern jisħqu illi skattaw l-elementi kollha li jwasslu għall-preżunzjoni li Lucia Vella aċċettat l-eredità tal-ġenituri tagħha u dan *stante* li (i) hi kienet innominata bħala eredi (ii) kienet taf bil-ftuħ tas-suċċessjoni f'liema ġiet imsemmija bħala eredi (iii) kienet fil-pussess ta' ħwejjeġ tal-eredità u ċjoè tal-fond 58, Triq Għajn Melel, iż-Żebbuġ Għawdex u ta' mobbli miżmuma fil-fond 31, Triq Skappuċina, iż-Żebbuġ Għawdex (iv) hi baqgħet inattiva matul it-tliet xhur mill-ftuħ tas-suċċessjoni u ma rrinunzjatx għall-wirt f'dak il-perjodu taż-żmien.

24. *In oltre* jisħqu li ma hemm l-ebda dubju li Lucia Vella kienet taf li hi ġiet imsemmija bħala eredi u li sar il-ftuħ tas-suċċessjoni. Meqjus dan kollu l-atturi jissottomettu illi Lucia Vella hija preżunta mil-liġi li aċċettat il-wirt.

25. Jiġi speċifikat illi fir-rigward ta' fond 58, Triq Għajn Melel, iż-Żebbuġ Għawdex, l-appellanti jisħqu li l-fatt li dan il-fond ġie mħolli bħala prelegat a favur Lucia Vella u l-fatt li hi tirrisjedi flimkien ma żewġha f'dan il-fond xorta huma rrelevanti ladarba hi xorta kienet fil-pussess tal-fond u dan għaliex kif jgħid l-Artikolu 869 tal-Kodiċi Ċivili stess, jitqiesu bħala werrieta mingħajr dan il-benefiċċju wkoll jekk kontra dan igħidu illi huma jippossjedu dawk il-ħwejjeġ taħt titolu ieħor. *In oltre* jargumentaw illi kif jgħidu l-ġuristi u kif qalu anke l-qrati tagħna, dawk il-ħwejjeġ mħollija bħala legat jifformaw parti mill-patrimonju tal-mejjet u sabiex legat jgħaddi għand il-legatarju, trid issir talba lill-eredi sabiex il-legatarju jiġi mogħti l-pussess. Fil-każ odjern din it-talba ma saritx u konsegwentement Lucia Vella ma tistax tkun meqjusa bħala legatarja iżda biss bħala detentriċi sempliċi.

26. Fir-rigward tal-mobbli li jinsabu ġewwa fond 31, Triq Skappuċina, iż-Żebbuġ Għawdex, l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"…Illi dwar il-mobbli kontenuti f'dan l-istess fond il-konvenuti*

*jargumentaw li ma tressqet l-ebda prova li dawn ma gewx trasferiti lilhom flimkien mal-proprjeta'. Il-Qorti tqis li l-konvenuti f'dan is-sens ghandhom ragun. Fil-fatt mill-kuntratt ma tirrizulta l-ebda riserva dwar il-mobbli. In oltre nonostante li wara l-kuntratt ghaddew bosta snin il-genituri tal-partijiet qatt ma ppretendew li jiehdu xi mobbli mill-istess fond taht il-pretensjoni li huma taghhom. F'dan is-sens il-Qorti ghalhekk ma taqbilx li l-valur ta' dawn il-mobbli, li fi kwalunkwe kaz llum il-gurnata ma tqisx li jista' jkollhom xi valur kbir, ghandu jizdied mal-massa ereditarja ghall-iskop tal-kalkolu tal-porzjon riservata…"*

27. Illi l-appellanti jisħqu illi kienet Lucia Vella stess li indikat dawk il-mobbli bħala ħwejjeġ tal-wirt u dan in ottempranza ma verbal tal-Ewwel Qorti li *in parte* kien jaqra:

*"Illi peress illi l-partijiet qed jaqblu li oltre l-fondi mertu tal-vertenza odjerna fil-fatt tezisti proprjeta ohra kemm immobbiljari u kemm mobbiljari, il-konvenuti ghandhom aktar informazzjoni mill-atturi qeghdin jobbligaw ruhhom sabiex minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet imressqa minnhom jipprezentaw nota bl-informazzjoni u dokumenti kollha dwar din il-proprjeta immobbli u mobbli tat-testaturi sa fejn jafu huma sas-6 ta Ottubru 2012, liema nota ghandha tigi notifikata lid-difensur tal-kontro parti jew lill-parti li jkollhom sal-udjenza sabiex jiddikjaraw jekk humiex qed jaqblu ma dak indikat fl-istess nota."*

28. *In oltre*, l-appellanti jisħqu illi l-Ewwel Qorti donnha ma tikkontestax il-pussess materjali tal-mobbli li jinsabu fil-fond numru 31, Triq Skappuċina, iż-Żebbuġ Għawdex, iżda ma kkonsidratx li ma tressqet l-ebda prova li dawn il-mobbli ġew trasferiti lill-konvenuti flimkien mal-bejgħ tal-immobbli. L-appellanti jisħqu li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ma ħaditx kont tal-Artikolu 1398 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid:

*"1398. Fl-obbligu tal-kunsinna tal-ħaġa jidħol ukoll l-obbligu tal-kunsinna tal-aċċessorji u ta' dak kollu li għandu jservi għall-użu ta'dejjem tal-ħaġa nfisha."*

29. Hawn l-appellanti jargumentaw, b'referenza għall-awturi Franċiżi u Taljani, li ħaġa hija aċċessorja għall-oħra meta l-eżistenza tagħha hija dovuta għall-eżistenza tal-ħaġa prinċipali jew destinata sabiex tawmenta l-funzjonalità tal-ħaġa prinċipali. Is-sett tas-sodda, mejda tal-ikel, vetrina bil-fajjenza, mejda żgħira, arloġġ antik tal-grandfather, salott tar-Rexine, u tavolina, ma jistgħux jitqiesu bħala aċċessorji għaliex huma indipendenti mill-immobbli li jinsabu fih.

30. Konsegwentement isegwi li l-mobbli fil-fond 31 baqgħu dejjem tat-testaturi u li l-prova kuntrarja kellha titressaq mill-konvenuti Vella stess.

31. Fir-rigward ta' dawn iż-żewġ aggravji jikkonkludu, b'referenza wkoll għall-ġuristi kontinentali u sentenzi ta' dawn il-qrati, illi l-Artikolu 869 tal-Kodiċi Ċivili huwa kwistjoni ta' ordni pubbliku u li l-preżunzjoni imposta mill-Artikolu 869 hija waħda *juris et de jure* dipendenti fuq kriterji oġġettivi tad-detenzjoni minn werriet tar-*relictus* tad-defunt u mhux waħda *juris tantum* ibbażata fuq ċirkostanzi partikolari.

32. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti fir-rigward tal-fond 58, Triq Għajn Melel, Żebbuġ, (Għawdex). Tqis li indubbjament dan il-fond tħalla bħala prelegat lill-Lucia Vella u dan sabiex l-istess trendi serviġi lill-ġenituri tagħha. Illi anke jekk dan il-fond kien jagħmel parti mill-patrimonju tat-testaturi, l-istess fond tħalla bħala prelegat bl-intiża li dan jingħata lilll-

persuna speċifika, irrispettivament mill-fatt li tali persuna ġiet ukoll innominata bħala werrieta. Konsegwentement din il-Qorti ma tqisx li peress li Lucia Vella baqgħet tgħix fil-fond 58, wara l-mewt tat-testaturi, hija għamlet *atto di erede* tant li kienet qiegħda taċċetta li tidħol fiż-żarbun ta' ommha u missierha bħala l-eredi universali tagħhom.

33. *Semmai* li għamlet kien li b'mod taċitu, *stante* li naqas li jiġi ppruvat li hi talbet l-immissjoni fil-pussess tal-legat in kwistjoni b'mod formali, Lucia Vella aċċettat il-prelegat innifsu, f'dan il-każ fond 58. *In oltre*, mill-provi mressqa tas-serviġi li rendiet Lucia Vella lill-ġenituri tagħha matul is-snin, ma jidhirx illi Lucia Vella kellha l-intenzjoni li tirrifjuta dan l-istess prelegat, u dan *oltre* mill-fatt li l-fond 58 huwa d-dar residenzjali tagħha.

34. Din il-Qorti b'hekk ma tqisx li l-aċċettazzjoni taċita ta' dan il-prelegat jwassal sabiex ikun hemm l-assunzjoni illi saret l-aċċettazzjoni taċita tal-wirt. Fuq kollox u *a contrario sensu* la r-rinunzja tal-wirt ma twassalx għar-rinunzja tal-legat, l-aċċettazzjoni tal-legat ma għandux iwassal għall-aċċettazzjoni tal-wirt. Il-liġi tagħmel distinzjoni ċara bejn it-tnejn.

35. Issir referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (mhux appellata) mogħtija fid-29 ta' Settembru 2016 fl-ismijiet "Paul Chetcuti v. Anthony Chetcuti et noe" fejn ingħad:

***"Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Ottubru 1999 fil-***

***kawza "Baldacchino noe v. Mifsud noe" inghad hekk :-***

> *" … il-proprjeta' libera tal-legat tappartjeni lill-legatarju sa mill-gurnata tal-mewt tat-testatur, tant illi l-istess legatarju huwa paragunat bhala "kreditur" tal-wirt. Bhala "kreditur", l-oggett ma jkunx f`idejh qabel ma jinghata pussess tal-oggett tal-kreditu, u kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Borg v. Vella et", deciza fit-3 ta' Marzu, 1995, l-immissjoni fil-pussess tal-legat hija "c-cavetta" ta' l-istitut kollu. L-immissjoni fil-pussess tista' tinghata jew espressament jew tacitament, u jinghad li hemm immissjoni fil-pussess tacita, meta l-legatarju jiehu pussess materjali ta' l-oggett u l-eredi ma jaghmilx oppozizzjoni. … Sakemm ma jottjeniex minghand l-eredi (jew l-ezekutur testamentarju) ir-rilaxx tal-oggett legat, il-legatarju ma jistghax jiehu pussess ta' dak il-legat. Qabel ma jottjeni dan ir-rilaxx, il-legatarju jkun proprjetarju, izda d-dritt tieghu ta' proprjeta' jkun dritt astratt, fis-sens li ma jkollux il-jedd li jezercitah. Id-dritt tal-legat hu dritt ta' proprjeta', izda jibqa` dritt incert u suggett ghall-kontestazzjoni sakemm ma jigix immiss fil-pussess (ara Laurent "Diritto Civili", Vol. XIV para. 21 et seq)."*

***Fil-kaz tal-lum jirrizulta li l-attur diga` nghata l-immissjoni fil-pussess tal-legat indikat fl-ewwel talba b`mod tacitu mill-konvenuti ladarba thalla jghix mingħajr xkiel fil-fond de quo.***"

36. Konsegwentement din il-Qorti ma tqisx li l-pussess tal-fond 58 wassal għall-aċċettazzjoni tal-wirt.

37. Fir-rigward tal-għamara li tinsab ġewwa l-fond 31, Triq Skappuċina, iż-Żebbuġ, Għawdex, din il-Qorti rat li l-fond innifsu ġie mibjugħ fl-1988 mill-konjuġi Camilleri lil Carmelo Vella (a differenza tal-porzjon art mibjugħ fl-1977 li kien mibjugħ direttament lil binthom Lucia Vella).

38. Mill-provi mressqa jidher li l-konjuġi Camilleri baqgħu jgħixu fil-fond tal-anqas sal-1996 sakemm marru jgħixu ġewwa fond 58, Triq Għajn Melel, Żebbuġ, (Għawdex) flimkien mal-appellati konjuġi Vella.

39. Għalkemm il-Qorti tqis li ma hemm l-ebda referenza għal dawn il-

mobbli fil-kuntratt ta' bejgħ tal-fond 31 Triq Skappuċina, Żebbuġ, Għawdex, il-valur verament żgħir tal-istess mobbli jindika li l-vendituri ma kellhom ebda interess fihom tant li meta marru jirresjedu mal-konvenuta ħallewhom fil-fond u hekk baqgħu sal-lum. Għalhekk fuq bażi ta' probabbiltà l-intenżjoni tal-vendituri kien li l-bejgħ tal-fond isir b'dak li kien hemm fih però baqgħu fil-pussess tagħhom sakemm telqu mid-dar u marru jgħixu ma' binthom.

40. Konsegwentement din il-Qorti tqis li l-mobbli għaddew flimkien mal-bejgħ tal-fond 31, Triq Skappuċina, Żebbuġ, Għawdex.

41. Meqjus dan kollu, din il-Qorti tqis li r-rinunzja ta' Lucia Vella ma hix tardiva.

42. Konsegwentement din il-Qorti qed tiċħad dawn l-aggravji.

*It-Tielet Aggravju*

43. Permezz tat-tielet aggravju l-appellanti jilmentaw li l-valur tal-mobbli kellu jidħol fil-patrimonju tal-konjuġi Carmelo u Carmela Vella u jiġi meqjus għal-likwidazzjoni tas-sehem riservat. Tenut kont li dawn il-mobbli ma humiex meqjusa bħala ħwejjeġ tal-wirt, din il-Qorti ser tiċħad ukoll dan l-aggravju.

*Ir-Raba' Aggravju*

44. Permezz tar-raba' aggravju, l-appellanti jilmentaw illi l-Ewwel Qorti kellha tinkludi parti mill-valur tal-fond bin-numru 58, fi Triq Għajn Melel, Żebbuġ, (Għawdex) fl-assi ereditarji tat-testatriċi Carmela Camilleri u konsegwentement tieħdu in konsiderazzjoni għall-fini ta' kalkolazzjoni tal-leġittima fuq il-wirt ta' Carmela Camilleri billi l-valur tas-serviġi reżi mill-konvenuta kellhom jiġu ddikjarati li huma ta' valur anqas mill-valur ta' dan il-fond.

45. L-appellanti jitolbu reviżjoni tal-*quantum* akkordat mill-Ewwel Qorti għas-serviġi reżi minn Lucia Vella lill-ġenituri tagħha u qed jitolbu diminuzzjoni tal-legat remuneratorju, bl-eċċess jiġi meqjus bħala parti mill-eredità u konsegwentement jingħadd mal-likwidazzjoni tal-porzjoni riservata pretiż mill-appellanti. Il-konjuġi Vella ma kkontestawx il-fatt li l-valur tal-fond 58 kien ta' mitejn u tletin elf ewro (€230,000). Jgħidu li l-kumpens imħolli permezz ta' prelegat rimuneratorju huwa sindikabbli u li kemm fuq bażi ekwitattiva u kemm fuq bażi ta' prinċipju ta' ordni pubbliku li jgħid li t-testatur jista' jittrasmetti biss dik il-parti disponibbli tal-wirt tiegħu u jrid jirriserva s-sehem spettanti ta' ċertu persuni.

46. Jisħqu illi l-prelegat rimuneratorju għandu jiġi mnaqqas kemm

minħabba l-ammont ta' snin li fihom Lucia Vella attwalment rendiet serviġi u kemm minħabba l-ammont ta' €21 allokat għal kull ġurnata tas-serviġi. Jisħqu li fil-verità ġew reżi serviġi fuq perjodu ta' bejn għaxar u tlettax-il sena u li qabel mal-konjuġi Camilleri daħlu jgħixu mal-konjuġi Vella l-ġenituri ta' Lucia Vella kienu attivi u l-assistenza meħtieġa minnhom kienet waħda ordinarja. Jgħidu li ma hemm xejn fil-provi li juri li l-assistenza li kienet tagħti Lucia Vella kienet timpinġi fuq il-ħajja personali tagħha. Jisħqu li l-familja Vella rabbew lit-tfal tagħhom b'mod komdu u ma kellhomx għaliex jissagrifikaw t-trobbija ta' wliedhom u li dejjem għexu bħala familja normali. Jinsistu li l-figura ta' €21 kull ġurnata kienet somma konsiderevoli, speċjalment għal persuna li kienet qed tgħix gratwitament fid-dar tal-konjuġi Camilleri. *In oltre*, li fuq kalkolu ta' għaxar snin il-figura ta' € 21 titla' għall-€63 għal kull jum, liema somma hija eżorbitanti, dan anke meta wieħed jikkunsidra li s-serviġi ġew reżi minn membri tal-familja.

47. Jisħqu illi anke l-appellanta Tereża Xuereb kienet tassisti lil ommha, meta kisret sieqha u baqgħet tbati b'saħħitha. Jisħqu li meta marru jgħixu ma' Lucia Vella, il-konjuġi Camilleri ma kellhomx xi kundizzjoni ta' saħħa partikolari u kellhom biss deterjorazzjoni tax-xjuħija u konsegwentement mhux ġustifikat li s-serviġi ġew reżi għal dak il-pejodu taż-żmien kollu. *In oltre*, il-konjuġi Vella qatt ma ħallsu kera filwaqt li r-realtà hija li l-familji tal-lum jiddejnu mal-bank sabiex joħorġu minn dar

tat-trobbija tagħhom. *In oltre* jgħidu li l-konjuġi Vella ma ħallsux imgħaxijiet fuq is-somma li ħallsu għall-fond 58 u li Lucia Vella kellha kontroll fuq il-pensjoni ta' missierha Carmelo Camilleri. Jgħidu li n-*nurse* Jennifer Vella wkoll kienet tassisti lit-testaturi u li kienet tagħti ħafna mill-għajnuna hi meta t-testaturi kienu jgħixu ma' Lucia Vella u żewġha.

48. In konklużjoni jisħqu li l-prelegat rimuneratorju għandu jiġi mnaqqas u konsegwentement l-eċċess jidħol fil-massa ereditarja tad-defunti Camilleri għall-finijiet tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat spettanti lill-atturi li hija dovuta fi flus.

49. L-appellanti jgħidu li Lucia Vella rċeviet biżżejjed matul il-ħajja tal-ġenituri tagħhom u jsemmu kif kienet tgħix mal-familja tagħha ġewwa fond 58 mingħajr ma tħallas kera, kif xtrat żewġ proprjetajiet bi prezz baxx u bla imgħax mingħand il-ġenituri tagħhom u kif missierha kien jagħtiha nofs il-pensjoni għall-bżonnijiet.

50. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fuq din il-kwistjoni:

> *"… ii) Il-partijiet ma jaqblux ukoll dwar il-valur tas-servigi rezi mill-konvenuta lill-konjugi Camilleri sa mewthom. Jirrizulta li l-fond 58, Triq Ghajn Melel, Zebbug mholli appuntu bhala prelegat lil Lucia Vella lura permezz ta' testment redatt fis-sena 1977 gie valutat mill-periti perizjuri li fis-sena 2007 kellu l-valur ta' €230,000. L-atturi jsostnu li dan il-valur huwa wisq ghas-servigi li rrendiet Lucia Vella tul is-snin u ghalhekk dan il-pre-legat m'ghandux jitqies bhala dejn tal-eredità w'ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ai fini li tigi kalkolata l-porzjon riservata.*

*Illi ai termini tal-Kodici Civili s-servigi huma kkunsidrati bhala tip ta' kwazi-kuntratt. L-artikolu 1012 tal-Kodici Civili jiddefenixxi l-kwazi-kuntratt bhala:*

> *"fatt lecitu u volontarju, li minnu tohrog obbligazzjoni lejn persuna ohra, jew obbligazzjoni tal-partijiet lejn xulxin."*

*Abbazi tal-principju delineat f'dan l-artikolu persuna li tippresta servigi tesigi d-dritt li tigi kumpensata u dan ghar-raguni li hija tkun qed tarreka vantagg lill-persuna li tkun qeghdha tircievi tali servigi. Tul is-snin izda l-Qrati taghna varjaw il-mod kif iharsu lejn is-servigi u l-hlas taghhom.*

*Fil-kawza fl-ismijiet Giuseppina Deidun et v.. Emila Poggi et deciza l-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-6 ta' Ottubru, 1954 inghad kif isegwi:*

> *"Il-kumpens ghal servigi prestati jista' jkun dovut mhux biss "jure actionis", jew meta jkun pattwit, imma wkoll "officio judicis" jew meta c-cirkustanzi juru car illi min ippresta s-servigi kellu l-intenzjoni li jithallas ghalihom. Il-prestazzjoni tal-servigi mhix presunta li tkun saret gratuwitament, u l-intenzjoni tal-gratuwita' u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment. U fil-gurisprudenza recenti, anki ghar-rigward tal-parenti, huwa applikabili l-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jikkonkorrux cirkustanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita', sija pure meta hemm relazzjonijiet ta' parentela. Jekk il-provi juru li, meta gew prestati s-servigi, min irrendihom ma kellux intenzjoni li jithallas ghalihom, ma hemmx lok ghall-kumpens. Dak li hu mportanti li ghandu jigi ezaminat, biex wiehed jara ghandux ikun hemm kumpens jew le, huwa l-mument meta gew prestati s-servigi; u cirkustanzi sussegwenti ma joperawx retroattivament biex joholqu dritt li ma kienetx intenzjoni tal-partijiet interessati li joholqu."*

*F'dan il-kaz kien gie ritenuti illi meta gew rezi s-servigi ma kienx hemm hsieb ta' hlas ghalihom u ghalhekk il-Qorti rrigettat it-talba ghal dak il-hlas'*

*Fil-kawza fl-ismijiet Ivy Angus v.. Joseph Calleja noe deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 15 ta' Frar, 1958 inghad kif isegwi:*

> *"Azzjoni ghall-hlas ta' kumpens ghal servigi rezi, skont il-kunsens unanimi tal-gurisprudenza nostrali; hija bazata guridikament fuq il-kwazi-kuntratt, u unanimement fuq il-prezunzjoni li min jassoggetta ruhu biex jaghmel servigi lil hadd iehor jaghti dak l-istess xoghol bl-iskop li jithallas, ammenokke' ma jkunx ghamlu bi skop umanitarju biss, bla ebda hsieb li jkun kompensat, jew li jaghti dak l-istess servizz lil xi persuna tal-familja tieghu "familiaritatis sew pietatis causa"; f'liema l-ahhar ipotesi, min jirreklama s-servigi jrid ibieghed minnu dik l-istess prezunzjoni, li jkollha aktar sahha, sabiex ikollu success fl-azzjoni li huwa jintenta. Certament, l-intenzjoni tas-serventi li jithallas u tal-persuna servuta li tirrikompensa lil min serviha, huma ta' importanza f'kawzi bhal dawn; kif ukoll mhux ta' min jittraskura l-istat finanzjarju*

*tant tal-persuna serventi kemm tal-persuna servuta; l-ghaliex, tant mill-punto di vista tal-intenzjoni tar-retribwibbilita', kemm mill-punto di vista tal-mizura tal-kumpens, dawn il-punti ghandhom importanza. Hekk, per ezempju, fil-kaz li persuna abbjenti li tmur minn jeddha ddur b'persuna li taf li hija fqira, il-prezunzjoni li dawk is-servigi saru bil-fehma ta' hlas ma tregix; u mill-banda l-ohra lanqas tista' tigi ndotta l-fehma tar-retribuzzjoni tal-persuna servuta li tkun f'dak l-istat finanzjarju. Jinghad ukoll li, jekk persuna li tigi servuta tkun ta' fakoltajiet ekonomici ristretti, imma mhux tali li tkun indigenti, huwa prezunt li tisserva b'persuna li tkun kuntenta b'retribuzzjoni moderata, u mhux ga tali li tirrendiha ndigenti."*

*Illi dwar il-kwantifikazzjoni tas-servigi johrog minn bosta gurisprudenza li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni l-punti segwenti:*

*(i) il-grad ta' qrubija bejn min jaqdi u l-persuna meghjuna;*

*(ii) il-frekwenza tas-servigi moghtija;*

*(iii) in-natura tas-servigi maghmula;*

*(iv) il-kedda u t-tbatija nvoluti biex jinghataw is-servigi li dwarhom jintalab kumpens;*

*(v) il-grad ta' hila jew specjalizzazzjoni mehtiega biex jinghataw tali servigi;*

*(vi) jekk mal-ghoti tas-servigi l-persuna tkunx ukoll dahlet fi spejjez jew infieq minn butha;*

*(vii) il-mezzi tal-persuna li bbenefikat mill-prestazzjonijiet;*

*Ara per ezempju d-decizjoni fl-ismijiet Tessie Micallef et v. Lawrence Galea et deciza fit-28 ta' April 2011. Fl-istess sentenza l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddikjarat kif isegwi:*

*"Minn ezami tal-gurisprudenza jirrizulta li fil-maggoranza tas-sentenzi l-kumpens qatt ma jkun f'ammonti kbar u dan peress illi s-servigi kwazi dejjem jinghataw minhabba ragunijiet ta' parentela (vide sentenza Anthony Catania v. Maria Agius deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Dicembru 2003 (Citaz 1381/1993). Fis-sentenza Delicata v. Saliba deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Mejju 1989, il-Qorti rriteniet illi s-servigi huma bazati fuq kwazi-kuntratt u mhux fuq kuntratt u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi, izda ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra, li ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika. Dan iwassal biex il-kumpens qatt ma jkun ekwivalenti tax-xoghol li sar."*

*Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Anthony Catania pro et noe v. Maria Agius deciza fil-11 ta' Dicembru 2003 irriteniet kif isegwi:*

*"Dan qed jinghad ghax, bhala regola generali, il-kumpens moghti jkun, ftit jew wisq, imdaqqas meta l-beneficcjarja tkun marida jew mhux mobbli, b'mod li jkollha bzonn assistenza personali u kontinwa: ara kriterju f'dan is-sens li addottat din il-Qorti fil-kawza "Zammit et v. Farrugia Sacco noe" deciza fit-28 ta' Gunju, 1982. Hekk ukoll, fil-kawza "Buhagiar noe v. Mifsud noe", deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Frar, 1983, ghaz-zmien meta s-servigi kien ta' natura ordinarja u l-attrici kienet tmur tiltt darbiet fil-gimgha ghand id-decuius u taghmlilha l-facendi kollha tad-dar, il-kumpens moghti kien ta' LM 1 fil-gimgha, filwaqt li ghas-snin ta' wara, meta d-decuius kienet ta' sikwit timrad u kienet tmur tghix ghand l-attrici peress li kellha bzonn attenzjoni kontinwa u kostanti, il-kumpens moghti kien ta' Lm 3 fil-gimgha."*

*Jirrizulta fil-fatt li f'sentenza aktar recenti fl-ismijiet Francis Mizzi et v. Roseann Galea et, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-2 ta' Mejju, 2016 il-Qorti tal-Appell wara li kkunsidrat li kienu verament gew prestati servigi estensivi minn zewg persuni b'mod kontinwu lill-persuna li kienet ma tistax tohrog mis-sodda dik il-Qorti is-somma ta' €70 kull persuna ghal kull gimgha lill-persuni nvoluti.*

*Illi applikati l-prinicpji hawn fuq enuncjati ghall-kaz de quo ghal dak li huma servigi rezi jirrizulta lil din il-Qort kif isegwi:*

*a) Illi gia lura fis-sena 1977 meta sar it-testment unica charta tal-genituri tal-partijiet (fol. 11) u fiz-zmien li Lucia Vella kienet ghadha xebba (kif indikat fl-istess tesment) it-testaturi rrikonoxxew li kienet Lucia Vella li qed tipprestalhom servizzi u assistenzi kollha tant illi l-prelegat hallewh lilha bl-obbligu li hija tippresta dawn is-servizzi u assistenzi kollha sad-data tal-mewt taghhom. Minn dakinhar tat-testment sal-mewt tal-omm ghaddew tletin sena filwaqt li sad-data tal-mewt tal-missier ghaddew tlieta u tletin sena. Jirrizulta mill-provi migbura b'mod partikolari mix-xhieda tal-istess konvenuti f'bosta partijiet tal-process, ta' uliedhom David Vella (fol. 318) u Diane Tagliaferro (fol. 320) kif ukoll ta' diversi xhieda ohra fosthom l-Arcipriet Dun Reuben Micallef (fol. 331), Father Noel Saliba (fol. 337) u ta' Josephine Saliba (fol. 364) illi sa mill-bidu taz-zwieg taghha madwar tletin sena ilu l-konvenuta ddedikat hafna mill-hin taghha ta' kuljum fid-dar tal-genituri taghha li dak iz-zmien kienet fi Triq Skapuccini tghinhom fil-bzonnijiet taghhom u t-tindif tad-dar. L-atturi ma ressqu l-ebda prova kuntrarja ghal dan ghajr illi l-uniku xhud taghhom l-attrici Theresa Xuereb issostni li fi zmien li ommha tal-eta' ta' 61 kisret saqajha u damet mwegga ghal madwar sena hija wkoll kienet tmur darba fil-gimgha tnaddaf.*

*Illi din il-Qorti tqis li gie sodisfacentement pruvat lilha li tul iz-zmien is-servigi rezi mill-konvenuta Vella lill-genituri baqghu jintensifikaw in vista tal-eta' taghhom u tal-kumplikazzjonijiet medici taghhom kif gew ahjar deskritti mit-tobba li xehdu fl-atti. Jirrizulta li l-hajja mizzewga taghha, il-konvenuta qattetha ghand il-genituri taghha fil-hin li wliedha kienu l-iskola sakemm wasal iz-zmien li l-genituri taghha tant gew f'kundizzjoni li ma kienux ta' wahedhom, anki*

*ghaliex ommha bdiet titlef id-dawl t'ghajnejha, li dawn marru jghixu mal-konvenuti. Da parti taghha omm il-konvenuta ghamlet madwar ghaxar snin tghix maghhom b'madwar sitta minnhom ghamja u 'bed bound' qabel ma mietet u l-missier ghal madwar tlettax-il sena. Ghalkemm il-kundizzjoni tal-missier kienet ahjar minn tal-omm hija l-istess attrici Theresa Xuereb li fil-kontro-ezami taghha tikkonferma li fl-ahhar tmien snin ta' hajtu l-missier ma kienx johrog mid-dar minhabba l-kundizzjoni ta' sahha tieghu. Fil-fatt it-tobba kkonfermaw li huwa kellu kundizzjoni f'qalbu li ma kinitx tippermettilu li johrog ghalkemm kien jimxi fid-dar bl-ghajnuna ta' frame. Illi tant il-genituri tal-konvenuta kienu jiddependu fuqha li meta hija giet biex taghmel operazzjoni w'ghalhekk kellha tidhol l-isptar, l-omm kellha tiddahhal f'respite care ghal ftit jiem tant kemm kienet tiddependi kompletament fuq bintha (ara x-xhieda ta' Dr. Susanne Vella a fol. 443 et seq tal-process). Dan kien fis-sena 2005 .*

*Illi mix-xhieda tan-nurse Jennifer Vella (fol. 347) johrog car kemm il-konvenuta kienet tiehu hsieb tant tajjeb tal-genituri taghha u li dan ghamlitu ghal snin twal. L-atturi jippruvaw idawruha li kienet in-nurse li kienet tieghu hsieb lill-omm u mhux Lucia Vella izda dan jevidenzja biss 30 kemm l-atturi ma kienux jafu l-gid kollu li l-konvenuta kienet qed taghmel ma' ommha u missierha tul hajjitha. Jirrizulta li l-omm ghal snin twal kienet tiekol biss permezz ta' tubu u anki kellha l-catheter. Kienet l-istess Lucia Vella li kienet taghtiha tiekol ta' kuljum minn dan it-tubu u n-nurse kien hemm bzonnha regolarment biss sabiex tiehu hsieb it-tubu u l-catheter stante li dan huwa xoghol li se mai huwa kompetenza ta' appuntu 'nurse'u mhux ta' persuna li ma tkunx intiza f'dan ix-xoghol. Fil-bqija l-bzonnijiet kollha tal-genituri tal-partijiet kienet tiehu hsiebhom Lucia Vella. L-istess Jennifer Vella temfasizza fix-xhieda taghha li tant l-omm kienet mizmuma tajjeb mill-konvenuta Vella qatt ma kellha 'bed sore' hlief meta dahlet ftit jiem l-isptar nonostante li skont din ix-xhud 'bed sore' ghal min ikun bed bound tohrog anki wara gurnata.*

*Illi da parti taghhom l-atturi jsostnu li ghandu jittiehed ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li d-dar fejn irrisjedew dejjem il-konvenuti sa miz-zwieg taghhom u cioe' dik li thalliet bi prelegat lilhom kienet proprjeta' tal-genituri u mhux taghhom. Dan mhux kontestat mill-konvenuti. Il-konvenuti jammettu li huma qatt ma halsu l-ebda kera izda jinsistu li ghamlu hafna xoghlijiet ta' valur sabiex gabu l-istess dar bhala wahda abitabbli. Il-konvenut jixhed li minn dar ta' tlett ikmamar mhux abitabbli huwa zied binjiet fil-genb u fuq wara tad-dar u bena s-sular kollu ta' fuq. L-attrici Theresa Xuereb fil-kontro-ezami taghha wara hafna tlaqliq tammetti li l-konvenuti ghamlu hafna xoghol f'din id-dar u li ma kinitx abitabbli fis-sitwazzjoni li kienet qabel. Il-Periti fl-atti kkonfermaw ukoll li din il-proprjeta' giet ivvalutata bil-binja kif mizjuda u rrangata millkonvenut u mhux b'dak li kien ezistenti qabel ma saru x-xoghlijiet. In vista ta' dan kollu l-Qorti tqis li l-valur mizjud li l-konvenuti ghamlu 31 bhala xoghlijiet*

*f'din il-proprjeta' ghandu jitqies li jpatti ghall-fatt li tul is-snin huma ma halsu l-ebda kera lill-konjugi Camilleri sabiex jirrisjedu fl-istess fond.*

*Illi l-atturi jsostnu wkoll li l-konvenuta thalset bizzejjed ghaliex tul is-snin li l-genituri taghhom ghamlu jghixu maghha hija kienet tircievi nofs il-pensjoni tal-missier (stante li l-omm ma kellhiex) sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez taghhom. Jirrizulta mill-atti li l-pensjoni tal-missier kienet fl-ammont ta' madwar €477 fix-xahar b'dana li allura l-konvenuta kienet tircievi s-somma ta' madwar €238 fix-xahar ghall-bzonnijiet tal-genituri taghha u wkoll sabiex jaghmlu tajjeb ghas-servizzi wzati fl-istess residenza tal-konvenuta. Skont dan il-kalkolu allura l-konvenuta kien ikollha f'idejha ftit anqas minn €4 kuljum sabiex jaghmlu tajjeb ghall-bzonnijiet ta' kull wiehed mill-genituri taghha. Minn dan l-ammonti riedet tithallas in-nurse li kkonfermat li kienet il-konvenuta li kienet thallasha, tinxtara l-medicina, jinghata l-ikel lill-genituri, jinzammu nodfa (u fi kliem ix-xhieda fl-atti kienu jkunu nodfa tazza), jithalsu parti mis-servizzi fid-dar u jinxtraw il-bzonnijiet kollha taghhom. Il-Qorti in vista ta' dan ma tqisx illi din is-somma li kienet tghaddi ghand il-konvenuta b'xi mod tista' titqies bhala kumpens ghas-servigi rezi anzi l-Qorti tqis li fic-cirkustanzi l-probabbilita' kienet li l-konvenuti kienu johorgu minn buthom sabiex jaghmlu tajjeb ghall-bzonnijiet u spejjez kollha tal-genituri taghha.*

*Jibqa' allura sabiex jigi kkunsidrat jekk il-valur ta' €230,000 tal-fond immobbli mghoddi bi prelegat hux esagerat ghas-servigi rezi mill-istes konvenuta. Kif gia kkunsidrat aktar 'il fuq din il-Qorti tqis li gie pruvat 32 lilha li l-konvenuta rrendiet servigi lill-genituri taghha mill-anqas sa mill-gurnata li gie redatt it-testment lura fis-sena 1977 sad-data tal-mewt tal-genituri. Huwa ovvju li l-entita' tas-servigi zdiedu tul iz-zmien sakemm fl-ahhar snin mill-anqas fis-snin li l-genituri taghha ngabru maghha fl-ahhar tlettax-il sena s-servigi moghtija mill-konvenuta kienu erbgha u ghoxrin siegha kuljum. Tenut kont ta' dan kollu l-Qorti tikkalkula allura li l-konvenuta rrendiet tlieta u tletin sena servigi lill-genituri taghha. Li kieku wiehed kellu jaqsam il-valur tal-fond in kwistjoni u jikkalkula l-valur ghal kull gurnata ta' servigi rezi tul is-snin dan jammonta ghal ftit anqas minn €20 kuljum u dan ghal servigi rezi lil zewg persuni wahda minnhom sahansitra 'bed bound', ghamja, tiekol mit-tubu u bil-catheter. Applikati l-principji hawn fuq enuncjati fil-gurisprudenza l-Qorti tqis li dan l-ammont huwa aktar milli ragjonevoli anzi fic-cirkustanzi kwazi kwazi tqis li l-konvenuta kien haqqha aktar stante li hija qattghet tlieta u tletin sena minn hajjitha prattikament isservi u tiehu hsieb lill-genituri taghha b'sagrificcji wkoll kbar ghall-familja taghha.*

*Illi in vista ta' dak kollu suespost il-Qorti tqis ghalhekk li l-valur tal-prelegat ghandu verament jitqies bhala dejn tal-eredità u m'ghandux jittiehed in konsiderazzjoni fil-kalkolu tal-porzjon*

*riservat. Dwar din il-proprjeta' ghalhekk l-ewwel talba tal-atturi ma ghandhiex tigi milqugha."*

51. Issir referenza għall-kawża fl-ismijiet Angelo Zerafa et v. Michelina Azzopardi deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-27 ta' Marzu 2020 fejn ingħad:

*"63. Illi fit-tielet aggravju tagħha l-intimata appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti żbaljat meta mill-valur kumplessiv tal-ġid tal-wirt, ma naqqsitx il-valur tal-legat rimuneratorju li ħallewlha l-ġenituri tagħha talli daret bihom u ħadet ħsiebhom sal-aħħar ta' ħajjithom, kif talbet li għandu jsir fir-raba' eċċezzjoni tagħha. Hija tgħid li, ladarba missierha w ommha stqarrew fit-testment tagħhom unica charta li kienet daret bihom u ħallewlha b'legat ta' ħlas il-post fi Triq Spadaro f'ĦażŻabbar, dak kien għarfien ta' dejn lejha u l-post hekk imħolli b'legat kellu jitnaqqas mill-ġid tal-wirt bħalma jitnaqqsu d-djun kollha tal-wirt meta jiġi biex jitqies is-sehem riżervat;*

*64. Illi, min-naħa tagħhom, l-atturi appellati jgħidu li dan l-argument qatt ma tressaq bħala eċċezzjoni, għaldaqstant l-Ewwel Qorti ma kelliex tqisu. Isostnu li l-uniku aċċenn għal serviġi fit-Tweġiba Maħlufa, tinstab fir-raba' eċċezzjoni li 48 Art. 2121(1) tal-Kap 16 App. Ċiv. 81/07 41 tgħid li "fil-komputazzjoni tal-assi ereditarji tal-istess ġenituri, għandhom jitnaqqsu l-ammonti kollha dovuti minnhom lill-eċċipjenti Michelina Azzopardi b'kumpens għas-serviġi reżi minnha lilhom". F'dik l-eċċezzjoni, ma saret l-ebda tismija tal-legat remuneratorju u lanqas tal-post imħolli b'legat lill-intimata appellanti. Itennu li ladarba l-intimata appellanti tħalliet dan il-prelegat, ma hemm ebda serviġi li għalihom trid tiġi kumpensata;*

*65. Illi jidher li l-Ewwel Qorti qieset ir-raba' eċċezzjoni tal-intimata appellanti bħala talba sabiex jitnaqqas ammont mill-ġid tal-wirt bħala kumpens għas-serviġi li hija tat lill-ġenituri tagħha. Kemm hu hekk, l-Ewwel Qorti qieset it-tielet klawsola tat-testment tal-ġenituri bħala l-likwidazzjoni tal- kumpens li l-intimata rċeviet mingħand il-ġenituri tagħha għal tali serviġi, u tenniet li tnaqqis ieħor ikun isarraf għal kalkolu doppju ('double computing');*

*66. Illi huwa aċċettat li s-sehem riżervat tal-wirt jinħadem fuq ir-relictum et donatum kollu. Biex isir il-likwidazzjoni tal-ġid ereditarju li minnu jinħareġ il-valur tas-sehem riżervat, irid qabel xejn jiġi determinat x'inhu l-attiv – relictum u donatum – u x'inhu l-passiv, u biex jiġi determinat x'inhu tassew il-passiv irid issir l-istħarriġ tad-djun li jgħabbu l-wirt, fosthom id-dejn għal serviġi;*

*67. Illi l-Artikolu 705 tal-Kodici Civili kif ukoll it-tagħlim ta' din il-Qorti jtennu li "sabiex legat testamentarju jista' jitqies bħala rimuneratorju, dan irid jirriżulta biċ-ċar u espressament mit-testment u mhux minn provi barranin. Irid għalhekk jirriżulta mid-dispożizzjoni testamentarja li hemm l-element ta' korrispettività u mhux sempliciment ir-rieda li tiggratifika b'att ta' liberalità"*

*68. Illi l-legat remuneratorju mħolli minn testatur bi ħlas tas-serviġi li tkun għamlet miegħu l-persuna gratifikata b'dak il-legat jammonta għal stqarrija tad-dejn tat-testatur lejn il-persuna gratifikata għal dawk is-serviġi, u għaldaqstant bħala rikonoxximent li jikser il-preskrizzjoni tal-azzjoni għall-ħlas ta' dawk is-serviġi;*

*69. Illi ingħad ukoll li "lanqas ma huwa konklużiv il-fatt illi fit-testment jingħad illi l-legat huwa rimuneratorju; li kieku d-dikjarazzjoni tat-testatur kienet determinanti u konklużiva, kien ikun faċli wisq għat-testatur illi jevadi d-dispożizzjonijiet dwar is-sehem riżervat bil-fatt biss li jgħid illi l-legat huwa rimuneratorju. Naturalment, id-dikjarazzjonjiet tat-testatur huma element ta' prova, forsi wkoll qawwija, iżda mhux dejjem u bilfors huma biżżejjed. Biex ma tkunx stultifikata l-liġi huwa meħtieġ illi ssir il-prova tan-natura rimuneratorja tal-legat. ... ... Illi jekk ma ssirx il-prova li għandhom jagħmlu l-konvenuti u l-legati għalhekk jitqiesu bħala liberalitajiet u mhux ħlas ta' dejn, dan ma jfissirx illi bilfors jitnaqqsu, għax xorta jista' jiġri li fil-wirt hemm attiv ieħor biżżejjed biex minnu jitħallas is-sehem riżervat, iżda dan ma jeżentax mill-ħtieġa illi ssir il-prova sabiex jista' jiġi likwidat l-assi ereditarju u jinħadem is-sehem riżervat."*

52. Din il-Qorti tibda sabiex tosserva illi skont it-tielet dispożizzjoni tat-testment *unica charta* tal-konjuġi Camilleri, huma ħallew lil Lucia Vella, b'titolu ta' prelegat il-fond 58 fi Triq Għajn Melel, Żebbuġ (Għawdex) u imponew fuqha li tippresta servizzi u assistenzi li huma jkollhom bżonn sal-mewt tagħhom. Dan it-testment ġie magħmul fl-4 ta' Marzu 1977.

53. Wara li din il-Qorti rat l-atti ma tqisx li jeżisti xi dubju li dan Lucia Vella għamlitu. Ma jeżistix dubju li l-istess Vella rendiet serviġi sal-ġurnata tal-mewt tal-aħħar ġenitur tagħha. L-appellanti ttentaw inaqqsu minn dak li għamlet Lucia Vella iżda l-fatti jitkellmu waħidhom. Huwa minnu li jidher

li Theresa Xuereb, il-bint l-oħra tal-konjuġi Camilleri tat assistenza hi wkoll f'ċertu perjodi, mhux l-istess jingħad għall-appellanti l-oħra li ma ġabu l-ebda prova li huma taw xi tip ta' kontribut minimu lill-ġenituri tagħhom, anke jekk issa għażlu li jipprovaw jgħidu li dak li għamlet Lucia Vella u familtha ma affetwax il-ħajja privata tagħhom stess.

54. Din il-Qorti rat li r-raġel ta' Lucia Vella xehed illi martu kienet tmur tassisti lill-ġenituri tagħha kuljum, sa minn meta żżewġu u ferm qabel ma marru jgħixu magħhom il-ġenituri ta' Lucia Vella, u li ma jidhirx li ħutha l-irġiel jew neputijiet qatt taw xi kontribuzzjoni, saħanistra xehed li wieħed minnhom kien imur jarahom darba f'sena biss! Kontroeżami ta' Carmelo Vella sar u l-ebda minn dawn id-dikjarazzjonijiet ma ġew kontradetti. Din il-Qorti ma taqbilx anqas mal-argument imressaq mill-appellanti li ħafna mix-xogħol kienet trendih *nurse* li kienet tmur tassisti lil Lucia Vella, u dan għaliex anke minn kif xehdet l-istess *nurse* ma kinitx tmur kuljum. Din il-persuna rrimarkat ukoll li Carmela Camilleri, li kienet *bed bound* qatt ma kellha *bed sore* waħda u li t-testaturi kienu miżmumin pinna.

55. Illi din il-Qorti ma tqisx li s-serviġi mogħtija minn Lucia Vella bdew fl-1996 u ċjoè meta l-konjuġi Camilleri marru jgħixu magħha, iżda komplew minn dakinhar u żdiedu tant li Lucia Vella tat attenzjoni u għajnuna erbgħa u għoxrin siegħa kuljum għal snin sħaħ.

56. Illi kif qalet l-Ewwel Qorti, jidher li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni kbira bejn il-partijiet u li minflok għamlu r-riċerki tagħhom biex jaraw fiex kien jikkonsisti l-patrimonju tal-ġenituri tagħhom, fetħu din il-kawża biex kif innotat l-Ewwel Qorti stess, li kieku l-atturi aċċettaw il-wirt tal-ġenituri tagħhom kienu ser ikunu f'qagħda ferm aħjar.

57. Konsegwentement, din il-Qorti ma tqisx li għandha tiddisturba dak konkluż mill-Ewwel Qorti u sejra tiċħad dan l-aggravju.

**Deċide**

58. Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma fis-sħiħ is-sentenza appellata.

L-ispejjeż tal-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu kif deċizi u l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu sopportati mill-atturi.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
da